MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Numru 1278/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Wayne Muscat**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Wayne Muscat ta' 19-il sena iben Nazzareno u Anna nee' Delia mwieled Pieta fit-13 ta' April 1988 u residenti Dolce Vita, Triq Xandru Pulis, Zejtun, ID 199488M.**

**1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'xi perjodu bejn April 2006 u Mejju 2006 xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercajli jew ta' bank privat, falza;**

**2. Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal**

**xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;**

**3. U iktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;**

**4. U kif wkoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ghad-dannu ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghaldaqstant stante din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 184, 188, 189, 308 u 309 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-erba' imputazzjonijiet dedotti kontrieh, b'dan pero li r-raba' imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda. Il-Qorti stante li l-imputat ghandu fedina penali netta kif wkoll illi kkopera mal-pulizija mill-ewwel, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------